MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2003

Numru 9/2003

Il-Pulizija
(Sp Marthese Micallef)
vs
Edward Cernigliaro, iben Santo,
Imwieled Pieta' fit-12 ta' mejju, 1984

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fir-Rabat u f'dawn il-Gżejjer fid-19 ta' awissu, 2002 u fix-xhur ta' qabel, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, u cioe' mutur tal-għamla Yamaha, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tad-29 ta' jannar, 2003 fejn ta

l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' jannar, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' jannar, 2003 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-imputat ikkolabora bi sħiħ mal-pulizija.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta ta' l-imputat.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------